# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

**Deċiżjoni Numru 2494**

Każ Nru: 3233 / ET

Fil-kwistjoni tax-xogħol bejn

Julian Xriha

u

Oiltanking Malta Ltd

Illum: 5 ta' Ottubru, 2017

*dwar: tkeċċija mill-impjieg allegata li hi nġusta*

CHAIRMAN: Is-Sur Edmund Tabone M.A., B.A. (Hons), Dip. Mgt

**Introduzzjoni**

Dan il-każ ġie ntavolat permezz ta' rikors mill l-avukat Dr. Abigail Critien fl-4 ta' April 2014 f'isem ir-rikorrent li l-kontenut tiegħu kien kif ġej.

Ir-rikorrent kien impjegat fuq bażi indefinittiva mas-Soċjeta' ntimata u xogħolu kien fil-control room. Hu kien jaħdem bix-shift u meta ġara l-każ kien it-Third man fix-shift.

Ġara li fil-21 ta' Awissu 2013 ir-rikorrent ġie akkużat li fix-shift ta' bil-lejl ta' bejn l-14 u 15 ta' Awissu 2013 kien rieqed fuq il-post tax-xogħol fost allegazzjonijiet oħra.

Fir-rikors ir-rikorrent caħad bl-aktar mod kategoriku li kien rieqed fuq il-post tax-xogħol jew li kien ħati għall-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Sar proċess ta' rikonċiljazzjoni iżda baqa ma' ntlaħaqx ftehim.

Fiż-17 ta' Jannar 2014 ir-rikorrent ġie nfurmat b'ittra li l-impjieg tiegħu ġie tterminat u li għalhekk jirriżulta li t-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrent ma kienetx waħda valida skond il-liġi.

Għaldaqstant ir-rikorrent qed jitlob lit-Tribunal sabiex jiddikjara u jiddeċiedi li t-terminazzjoni ta' l-impjieg tiegħu mas-soċjeta' ntimata kienet waħda ngusta u biex jagħti l-provvedimenti kollha opportuni skont il-liġi nkluż li jiġi reintegrat f'xogħlu u jitħallas kumpens ġust.

Fid-dikjarazzjoni tal-każ tagħha, is-soċjeta ntimata, permezz, ta' l-Avv. Paul Gonzi ddikjarat illi l-allegazzjonijiet u t-talbiet tar-rikorrent għandhom jiġu respinti u li huma nfondati għax l-impjieg ġie terminat għal raġuni tajba u biżżejjed skond il-liġi. Dan sar wara li l-partijiet għaddew minn proċess komprensiv skond il-Ftehim Kollettiv, liema proċess inkluda wkoll it-twaqqif ta' Dispute Settlement Board. Illi dan il-Bord kien kompost kif suppost u kien aċċetat miż-żewġ partijiet.

Id-Dikjarazzjoni tkompli billi tgħid li r-rikorrent kien jaf bir-raġunijet kollha li wasslu għat-tmiem ta' l-impjieg u ngħata kull opportunita li jikkunsidra u jirribatti kwalunkwe charge li sar fil-konfront tiegħu, u dan għamlu dejjem permezz tar-rappreżentanti tal-GWU li kienu preżenti waqt il-proċess kollu nkluż l-Avukat tal-GWU.

Is-Soċjeta' ntimata temmet id-dikjarazzjoni billi insistiet li t-tmien tal-impjieg ma kienx tkeċċija nġusta u ma' tikkostitwixxix 'wrongful dismissal' u għaldaqstant is-soċjeta qed tirrispinġi l-pretenzjonijet tar-rikorrent fl-intier taghhom u titlob lit-Tribunal jiddikjara t-terminazzjoni bħala ġusta u skond il-liġi u li r-rikorrent m'għandux dritt għal kumpens jew li jiġi reintegrat f'xogħlu.

**Fatti**

Fil-21 ta' Awissu 2013 ir-rikorrent inħariġlu charge skond it-Ftehim Kollettiv tas-Soċjeta' ntimata, rigward inċident li ġara fil-lejl ta' bejn l-14 u l-15 ta' Awissu 2013 fejn ir-rikorrent ġie akkużat li kien rieqed fil-control room waqt xogħlu. Is-Soċjeta pproduċiet CCTV footage fost il-provi. Iċ-Charge ġie ffirmat mir-rikorrent.

Il-GWU, li tirrappreżenta r-rikorrent, ikkontestat iċ-Ċharge u nħatar Dispute Settlement Board. Dan il-Board ma' wasal għal l-ebda konklużżjoni, deċiżjoni jew rakkomandazzjoni u avża lill-partijiet li mhux se jkompli r-rwol li ġie mqabbad jagħmel. Dan kien fil-15 ta'Jannar 2014.

Kien hemm proposta mill-GWU għal demotion iżda ġiet rifjutata mis-soċjeta ntimata.

Huwa fatt li l-control room hija post delikat, sensittiv, u ta' mportanza kbira u zgur mhix permessa negliġenza u nuqqas ta' tħaris ta' policies ta' sigurta.

Is-Soċjeta' ntimata jidher li mxiet sew mal-proċeduri dixxiplinarja matul il-kaz.

Għas-Soċjeta' ntimata dan kien każ gravi u jaqgħa taħt Appendiċi 'B' Disciplinary Action tal-Ftehim Kollettiv, eżattament punt 12 – Gross Negligence or failure to adhere to Safety and Security Policies – Liable to Dismisal.

**Provi**

F'dawn il-proċeduri xehdu : Dirk Exalto - CEO Oil Tanking, Jeffrey Micallef – Manager Oil Tanking, Alex Fenech – Operations Manager – Oil Tanking, Toddeo Borg – Shift Head – Oil Tanking, Jeremy Camilleri – GWU u ir-rikorrent. Ġew esebiti dokumenti nkluż CCTV footage.

**Kunsiderazzjonijiet**

Dan it-Tribunal għandu biex jikkunsidra l-fatti u l-provi u jekk dawn iwasslux li r-rikorrent kienx ħati ta' 'Gross Negligence or Failure to adhere to Safety and Security Policies.'

It-Tribunal jagħraf bla dubbju li c-control room, il-post fejn kien jaħdem ir-rikorrent, huwa l-post l-aktar importanti rigward sigurta fit-terminal. Huwa l-post ċentrali ta' l-operat tat-terminal. Mill-Control Room jiġu monitored il-pompi, issir l-kommunikazzjoni mal-vapuri, mal-ħaddiema tat-terminal u ma' terzi persuni jew kumpaniji. F'kaz ta' xi nuqqas jew allarm ta' sigurta ssir l-komunikazzjoni mill-control room.

Dan jindika ċar li control room hija post strateġiku u sensittiv u ta' responsabilita kbira.

It-Tribunal, biex ikun ċar u tond, jifhem li negliġenza jew abbuż f'dan il-post huwa gravi.

Ix-xhieda tas-Soċjeta f'dan il-każ kienet konsistenti li r-rikorrent f'dak il-lejl ta' bejn l-14 u l-15 ta' Awissu 2013, raqad fuq il-post tax-xogħol. Is-Soċjeta pproduċiet provi ta' ritratti b'parti mid-dawl mitfi u juru lir-rikorrent f'pozizzjoni mistriħa ta' rqad b'saqajh imtella fuq is-siġġu.

Is-Soċjeta pproduċiet ukoll is-CCTV footage li juri dan kollu. Il-hinijiet li r-rikorrent kien f'din il-pożizzjoni ivarjaw minn 10 minuti sa 45 minuta.

Jirriżulta wholl li fil-21 ta' Frar, 2012, ir-rikorrent kellu każ simili fej inħareġ warning. Dak in-nhar is-soċjeta deherilha li r-rikorrent għandu jingħata ċans ieħor. Ir-rikorrent ma kienx appella l-warning.

Fix-xhieda tiegħu ir-rikorrent spjega x-xogħol ġol control room u anke l-involviment tiegħu u tal-kollegi ġot terminal. Spjega wkoll ir-relazzjoni tiegħu mas-Sur Dirk Exalto. Ir-rikorrent qal li, fil-bidu r-relazzjoni kienet tajba anke meta r-rikorrent għamel operazzjoni f'dahru, s-Sur Dirk Exalto kien ikkopera ħafna, nkluż il-kumplament tal-Management. Sena qabel il-każ ir-rikorrent kien laħaq Assistant Shop Steward u minn hemm r-relazzjoni ma baqgħetx kif kienet. Kien jaqbad miegħu, anke meta kien ikun xi ħames minuti tard għal xi meeting. Ir-Rikorrent kien ukoll għaddielu xi rimarka meta darba s-Sur Dirk Exalto kien tard hu għal xi meeting. Madankollu meta r-rikorrent kellu l-ewwel każ fit-2012 il-Management xorta deherlu li għandu jingħata ċans ieħor.

Ir-rikorrent spjega li dak inhar tal-każ xogħol ftit kien hemm. Il-Patrol tar-rikorrent kienet bejn is-7pm u 9pm. Wara kien dejjem waħdu fil-control room jiġifieri mit-9pm sa 7am. Dak in-nhar ma kienx hemm operations. Kompla li l-logging xorta sar avolja kien poġġa lilu m-nifsu 'in a comfortable position', neħħa ż-żarbun, qagħad fuq desk chair u għolla saqajh fuq siġġu ieħor.

Hu qal li ma jiftakarx kemm dam hekk. Meta ssikkat qal li dam xi nofs siegħa. Ir-rikorrent innega li kien rieqed.

Fit-trattazzjoni finali, s-soċjeta ntimata saħqet li l-każ huwa serjissimu li t-tkeċċija kienet ġusta anke meta tqis ir-responsabilitajiet kbar li hemm fil-control room. Saħqet u fakkret kif ir-rikorrent kellu każ simili iżda l-kumpanija tagħtu ċans ieħor.

Minn naħa tar-rikorrent it-trattazzjoni finali l-iktar li saħqet kien fuq il-punt li l-provi ma jurux ċar li r-rikorrent kien rieqed. Ġew referuti wkoll li s-Sur Dirk Exalto ried ikeċċi lir-rikorrent u li l-każ ta' sena qabel ma kienx meħud bħala każ serju.

---

**<u>Deċiżjoni</u>**

It-Tribunal innota bir-reqqa l-provi miġjuba, x-xiehda, dokumenti u mhux l-inqas is-CCTV footage ta' meta ġara l-każ.

It-Tribunal jagħraf is-sensitivita' u l-importanza tal-control room, jagħraf każ simili li kellu r-rikorrent sena biss qabel dan il-każ, jagħaf li GWU ipproponiet demotion u jagħaf x'ra ukoll fuq CCTV footage li bażikament jaqbel ma' li qalet is-soċjeta' ntimata, jiġifieri li juri r-rikorrent fuq siġġu, saqajħ imtellgħin fuq siġġu ieħor, bla żarbun u bil-dawl baxx jew mitfi f'pożizzjoni ta' rqad jew serħan.

It-Tribunal wiżen dan kollu, vis-a-vis it-tkeċċija mis-soċjeta' ntimata bbażata fuq 'gross neglignece or failure to adhere to safety policies', kif stipulat fil-Ftehim Kolletiv u għaldaqstant it-Tribunal qed jiddeċiedi li t-tkeċċija kienet waħda ġusta.

Għal finijiet ta' l-Avviż Legali 48 tal-1986 jistabilixxi ta' min assista l-partijiet, fl-ammont ta' tlieta u disgħin euro u sbatax €93.17.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xogħol

**Iffirmat : Edmund Tabone M.A., B.A. (Hons), Dip.Mgt**
**Chairman**

**Vera kopja**

**Mary Rose Galea**
**A/Segretarja**

---